MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-14 ta' April, 2014

Talba Numru. 769/2012

**GO p.l.c. (C-22334)**

**Vs**

**Reichel Kim Dadah (K.I. 38354A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu gie premess illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija wiehed u ghoxrin ewro sebgha u sebghin centezmu (€521.77), skont il-prospett hawn anness u mmarkat Dok C, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi ta' telekommmunikazzjoni, u cioe' dak tat-televizjoni u tat-telefown, kont numru A/C40176137, moghtija mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ahhar pagament u cioe' mill-25 t'Awwissu 2011, kontra l-konvenuta, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis-7 t' April, 2014 mill-Avukat Keith Grech w l-fatt li li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' hames mija wiehed u ghoxrin ewro sebgha u sebghin centezmu (€521.77) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ahhar pagament u cioe mill-25 t'Awwissu 2011, kif mitlub mis-socjeta' attrici, sal-pagament effettiv.

# < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------